**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Matthew Mallia**

**Kumpilazzjoni Numru: 239/2014**

**Illum, 2 ta' Dicembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Matthew Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 61876M akkuzat talli nhar il-31 ta' Jannar 2014 bejn it-tlieta u kwart u l-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar (03:15pm - 03:45pm) f'dawn il-Gzejjer, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Roxanne Spiteri (Art. 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghaxra (10) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat attentat ta' att vjolenti ghall-pudur ta' Roxanne Spiteri li kienet studenta taghmel *work placement* gewwa Toni & Guy il-Hilton fejn wiehed mill-haddiema, Matthew Mallia, allegatament segwieha meta marret ghall-*break* u beda jghannaqha, ibusha fuq mohhha u jaghmel idejha fuq il-parti privata tieghu.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Matthew Mallia** ghazel li ma jiehux il-parir tal-avukat. Huwa qal li fil-31 ta' Jannar 2014 kien xoghol Toni & Guy il-Hilton bejn id-9:30am sas-7:00pm. Qal li kien jara lil Roxanne Spiteri darba fil-gimgha ghax hija studenta

l-MCAST u qieghda tistudja l-*hairdressing*. L-imputat qal li ma jaf bl-ebda incident. Qal li marret ghal-*lunch break* u ma regghetx giet lura. Mistoqsi ghaliex ma gietx lura qal: "*Ma kellix ideja jien. Qabel ma telqet ghal lunch break qalet li mhux kuntenta fil-kors l-Mcast u hekk.*" L-imputat innega li ghamel avvanzi fuq Roxanne u qal li qed tigdeb. Mistoqsi jekk kellimx lil Roxanne wara dakinhar qal li le pero` kien miftiehem mal-imghallem tieghu biex imorru jkellmu lil missierha "*biex jigi iccarat kollox ghax nixtieq li nikkjarifika din il-bicca ghax mhux vera li gara xi haga.*" Huwa qal li fil-*break* imur il-*canteen* u mhux fil-kamra z-zghira ghaliex iz-zghar imorru hemm u peress li huwa ta' fuqhom iz-zghar ma jhossuhomx komdi fil-*break* bih hemmhekk. Qal li dakinhar kien hemm Kurt Micallef, Sera Vella, Svetlana Debono u Marija Korodovic jahdmu wkoll. Zied jghid li ilu jahdem Toni & Guy minn mindu kellu 16-il sena u qatt ma mess mara u kien hemm hafna nisa jahdmu mieghu.

Rat il-verbal tad-29 ta' Ottubru 2015 fejn fuq domanda tal-Qorti l-parte civile Roxanne Spiteri ddikjarat illi ghalkemm mhux ser tahfer lill-imputat hija m'ghandhiex interess li tkompli dawn il-proceduri.

Xehdet **Roxanne Spiteri** li qalet li meta gara l-incident hija kellha sbatax (17)-il sena. Qalet li dak iz-zmien kienet studenta u kienet tahdem *work placement* ma' Toni & Guy tal-Hilton. Hija spjegat li kienu nesew jibghatuha fuq *break* dakinhar u meta tkellmet baghtuha ghall-*break* u kif harget l-imputat baqa' hiereg warajha. Spjegat li l-kamra fejn jiehdu *break* hija zghira u ma hemmx *cameras*. Hija kienet qed tilghab loghba fuq il-*mobile* u Matthew Mallia gie hdejha u beda jkellimha b'mod vulgari. F'hin minnhom qalet li l-imputat beda jbusha fuq mohhha u jghannaqha mieghu. Wara qabdilha jdejha u ghamilha mal-parti privata tieghu. Qalet li dam xi kwarta bilqeghda hdejha, pero` meta ghamel idejha fuq il-parti privata tieghu din kienet xi haga ta' sekondi ghaliex imbaghad bdew jghajjtulu l-kollegi ghax kellu l-klijenti. Hija stqarret li meta ghamel idejha fuq il-parti tieghu hija ma ghamlet assolutament xejn u kif jghajtulu l-kollegi u hareg hija qabdet l-affarijiet taghha, cemplet lil missierha u harget 'l barra. Qalet li jdejha damet sekondi fuq il-parti tieghu u hija ddejjqet. Qalet li hija stess nehhiet idejha mill-parti tieghu qabel ma ssejjah mill-kollegi. Spjegat li meta kellha jdejha fuq il-parti tieghu jdejn l-imputat kienu fuq idejha ghax: "*idi gibidieli hu*".

Xehed l-**Ispettur Trevor Micallef** li qal li kien baghat ghal Matthew Mallia u hadlu stqarrija fis-6 ta' Frar 2014 fejn l-imputat ghazel li ma jkellimx avukat. Inkontroezami qal li m'ghandux informazzjoni li kien hemm persuni ohrajn fil-kamra. L-Ispettur qal li l-parte civile qalet li s-soltu f'din il-kamra fejn jiehdu l-*break* kienu l-imputat u hi biss. Huwa kkonferma li kif tohrog mill-kamra fejn jiehdu *break* wiehed isib il-hanut ta' Toni & Guy. Huwa qal ukoll li ma jidhirlux li Roxanne Spiteri ghajtet f'xi hin ghall-ghajnuna.

Xehed ukoll l-imputat **Matthew Mallia** li ghall-ewwel qal li ma jafx lill-vittma u qatt ma raha. Wara qal li jaf lil Roxanne Spiteri fuq ix-xoghol ghaliex kienet tmur xoghol ghandhom darba fil-gimgha. Qal li mhijiex impjegata tieghu. Spjega li l-MCAST kienu jibghatu studenti u mhux hija biss kienet tigi tahdem. Huwa qal li qatt ma tkellmu lil xulxin. Mistoqsi mill-avukat difensur: *"Jigifieri inti qatt ma rajtha minbarra darba fil…?"* l-imputat qal: *"Kienet tigi tahdem fis-sular li jaghmlu l-coffees."* Ma saru l-ebda domandi ohra, lanqas inkontroezami.

Xehdet **Svetlana Debono** bil-lingwa Ingliza li qalet li taf lil Matthew Mallia ghaliex huwa kollega taghha gewwa Toni & Guy

tal-Hilton. Qalet li ilha tahdem hemm ghal hdax (11)-il sena u ilha tahdem ma' Matthew ghal xi hames (5) snin. Qalet li Roxanne Spiteri kienet junior, "*she was like practicing*." Ix-xhud qalet li hija kienet il-*manager* u qatt ma semghet lil Roxanne tilmenta dwar xi haga. Qalet li Roxanne qatt ma regghet giet lura ghax-xoghol izda ma kienet taf xejn b'dak li gara. Qalet li mbaghad semghet dwar l-episodju minn Matthew Mallia stess: *"..I heard from, actually Matthew Mallia himself and from my boss, that something happened which I hardly believed to be honest.*" Ix-xhud ma setghetx tiftakar meta Roxanne Spiteri telqet mis-salon. Skont ix-xhud: *".. we finished work and then everybody left and then the next morning she didn't come."* Ix-xhud ma setghetx tghid jekk il-vittma telqitx qabel ghax ma setghetx tiftakar. Mistqosija mill-Qorti jekk Roxanne qatt ilmentat maghha dwar xi incident qalet li le. Ix-xhud qalet li l-Pulizija qatt ma kienu kkuntattjawha. Hija qalet li dak li jkun jaghzel il-hin tal-*lunch break* tieghu skont kemm ikun hemm klijenti s-salon u dak li jkun jista' jmur fejn irid.

Xehdet ukoll **Sera Vella** li qalet li kienet tahdem Toni & Guy flimkien ma' Matthew Mallia. Qalet li Roxanne Spiteri kienet tahdem maghhom fis-salon tal-Hilton cirka darba jew darbtejn

fil-gimgha u kienet studenta tal-MCAST. Ix-xhud qalet li ma taf bl-ebda episodju partikolari. Qalet li huma ma kellhomx hin fiss ghal *lunch breaks*. Mistoqsija kif Roxanne Spiteri telqet ix-xhud qalet: "*naf li riedet tmur f'xi salon iehor ghax kien hemm habba taghha.... that's all I know*." Mistoqsija dwar ir-raguni ghalfejn il-parte civile telqet mis-salon ix-xhud qalet li m'ghandhiex ideja. Qalet ukoll li Roxanne Spiteri qatt ma lmentat fuq xi haga li grala u qatt ma ghamlet rapport maghhom. Wara li telqet ix-xhud qalet li ma kellmithiex ghax ftit kienu jitkellmu; qalet li ma kinux hbieb u li damet vera ftit maghhom.

Illi semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur u rat illi fis-16 ta' Settembru 2019 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi harsa lejn il-provi mressqa, il-Qorti l-ewwel tinnota li fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)**:

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372*** fejn inghad illi:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi biex il-Qorti tasal biex tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni hija trid tezamina l-assjem kollu tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Fil-kaz in ezami l-Ufficcjal Prosekutur ressaq biss ix-xhieda tal-parte civile Roxanne Spiteri ghaliex ix-xhieda tal-istess Spettur kkonsistiet biss f'*detto del detto*. L-Ispettur esebixa wkoll l-istqarrija tal-imputat f'liema huwa nnega dak kollu rilevat mill-parte civile.

Minn ezami tax-xhieda tal-parte civile l-Qorti ma thossx li tali testimonjanza kienet wahda genwina.

Apparti minn hekk l-Ispettur seta' facilment iressaq ix-xhieda tal-kollegi tal-imputat li kienu qeghdin xoghol dakinhar tal-incident. L-Ispettur seta' facilment staqsiehom jekk l-imputat verament illarga ruhu u jekk xi wiehed minnhom verament kellu jmur jghajjatlu ghaliex kellu l-klijenti qed jistennew. Minkejja dan il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhud iehor u kien proprju l-imputat stess li ressaq tali xhieda fl-istadju tal-provi difiza.

Illi l-Qorti tqis li jezisti dubju serju dwar jekk dak li qed tallega l-parte civile gara verament jew le. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni illi l-imputat verament ghamel dak li gie allegat minn Roxanne Spiteri.

Illi gjaladarba l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex telimina dan id-dubju l-Qorti ma tistax tkun konvinta sal-grad li tesigi l-Ligi.

Illi ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti ma ssibx lill-imputat Matthew Mallia hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minnha.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**